TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 161/15-F

**Lazar Durdevic**

**vs**

**Tabone Computer Centre**

Illum, 30 ta' Novembru, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 t'Awwissu, 2015 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' mija u sittin ewro (€160), rappreżentanti spejjeż li ħallas sabiex jiġi irranġat il-laptop tiegħu meta dan kien għadu taħt garanzija internazzjonali.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ħa l-laptop tiegħu għand id-ditta ntimata sabiex jiġi irranġat minħabba l-fatt illi kien jagħtih xi error u dan kien taħt garanzija internazzjonali. Illi wara li saret it-tiswija, kellu jħallas mija u sittin ewro (€160).

L-intimat issottometta illi ma setax jaċċetta l-garanzija internazzjonali għax ma kienx tah is-serial number u wkoll kienu saqsewh biex jagħmel upgrade u hu kien aċċetta li jsirlu.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi r-rikorrenti kien kopert bil-garanzija internazzjonali u għalhekk is-soċjeta' ntimata kienet obligata li ssewwilu b'xejn. Rigward l-irċevuta ta' meta xtara l-laptop għalkemm ma pprovdihiex, s-soċjeta' ntimata setgħet iċċekjat minn fejn xtrah jekk kien għadu bil-garanzija.

Għar-rigward l-upgrade, t-Tribunal jiddeciedi li din kienet ta' benefiċċju għar-rikorrenti u allura r-rikorrenti għandu jħallas għalih, liema upgrade swieh mija w għoxrin ewro (€120).

Għar-rigward it-tiswija l-oħra, dan ma kienx obligat li jħallas.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' erbgħin ewro (€40), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**